# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 19 ta' Mejju 2025**

**Rik. Gur.Nru.: 171 /2025 JPG**

**Kawza nru.: 20**

**AF u XL**
**Vs**
**X**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 4 t' April 2025, a fol 1, li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet iżżewġu nhar it-tmintax t'Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (18/10/2019) liema żwieġ huwa reġistrat bin-numru progressiv tlett elef tlieta u ghoxrin tas-sena elfejn u dsatax (3023/2019), u dan skond iċ-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat **Dok "A"***

*Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx ulied.*

*Illi l- partijiet sseparaw permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Joseph Smith La Rosa datat sitta ta' Novembru tas-sena elfejn u ghoxrin (06/11/2020) li qed jiġi anness bhala "Dok 'B') u ghalhekk aktar minn sitt xhur kif jipprovdi l-artiklu 66A et sequitur tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonċiljazzjoni bejn l-istess miżżewġin kif ukoll illi l-partijiet irrinunzjaw ghall-manteniment hekk kif iddikjarat mill-partijiet fil-kuntratt ta' separazzjoni hawn anness.*

*Illi l-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66A et seq tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment bir-rispett jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn AF u XL li gie ċċelebrat nhar it-tmintax t'Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (18/10/2019) liema żwieġ huwa reġistrat bin-numru progressiv tlett t'elef tlieta u ghoxrin tas-sena elfejn u dsatax (3023/2019);*
2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn din l-istess Onorabbli Qorti javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-nota konguntiva tal-partijiet datata 22 t' April 2025 vide fol 14;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**AF xehed** (vide affidavit fol 10) illi l-partijiet izzewgu nhar it-18 ta' Ottubru tas-sena 2019. Minn dan iz-zwieg ma twieldux ulied. Xehed illi l-partijiet sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali nhar is-6 ta' Novembru 2020 fl-atti tan-Nutar Dr Joseph

Smith La Rosa. Di piu', ikkonferma li ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll li ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**XL xehdet** (vide affidavit fol 11) u kkonfermat u korroborat ix-xhieda ta' zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-18 ta' Ottubru 2019 liema zwieg jgib certifikat numru 3023/2019 (Vide certifikat taz-zwieg, a fol 3). Jirrizulta li l-partijiet ma kellhomx ulied.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Smith La Rosa nhar is-6 ta' Novembru 2020 (Vide fol 4 et seqq.) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 3023/2019 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**